| | ***ajru mhumiex adegwati u li polzi ta' assigurazzjoni mhux obbligatorji mhumiex sostitut għal intitolamenti statutorji, minbarra l-fatt li dawn ma jkoprux il-passiġġieri kollha; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni li ttejjeb il-protezzjoni tal-passiġġieri f'każ ta' insolvenza tal-kumpanija tal-ajru, pereżempju f'forma ta' assigurazzjoni obbligatorja tal-kumpanija tal-ajru jew il-ħolqien ta' fond ta' garanzija;*** |

Or. es

**Emenda 176**
**Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi l-obbligu għall-fornituri tas-servizz fil-mezzi differenti tat-trasport li jipprovdu għal garanzija finali li tkopri r-responsabbiltà tal-fornituri tas-servizz f'każ ta' insolvenza, falliment jew tneħħija tal-liċenzja operattiva;*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it- | 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it- |

tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali;

tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà ***u għodod oħra għall-indipendenza***, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali;

Or. de

**Emenda 178**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it-tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali; | 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it-tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà ***jew ta' assistenza***, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali; |

Or. en

**Emenda 179**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it-tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali; | 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it-tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali; ***jitlob biex jiżdiedu f'dan is-sens il-limiti għal dawn l-apparati u biex tiġi estiża r-responsabbiltà*** |

***għad-danni għal dawk kollha li jimmaniġġjaw il-bagalji;***

Or. es

**Emenda 180**
**Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it-tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali; | 19. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kwestjoni tar-responsabbiltà rigward id-danni tal-bagalji, speċjalment rigward it-tagħmir ta' għajnuna għall-mobbiltà, fejn biex dan it-tagħmir jinbidel, il-valur tiegħu spiss jaqbeż l-ammont massimu ta' rimbors skont il-liġi internazzjonali; ***jinsisti li kwalunkwe dannu lit-tagħmir tal-mobbiltà għall-persuni b'nuqqas ta' mobbiltà u persuni b'diżabbiltà li jirriżulta mill-immaniġġjar minn fornituri tas-servizzi/impriżi tat-trasport għandu jiġi kompensat b'mod sħiħ, billi tali tagħmir huwa importanti għall-integrità, id-dinjità u l-indipendenza tagħhom u għalhekk mhu fl-ebda mod komparabbli ma' bagalja;*** |

Or. en

**Emenda 181**
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jitlob lill-Istati Membri jikkjarifikaw il-kompetenzi tal-korpi nazzjonali tagħhom tal-infurzar fir-rigward tal-*** |

***ipproċċessar tal-ilmenti relatati mal-immaniġġjar ħażin tal-bagalji fit-trasport marittimu u tal-avjazzjoni.***

Or. en

**Emenda 182**
**Dominique Vlasto, Christine de Veyrac, Michel Dantin, Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jitlob lill-Kummissjoni tirrikonċilja aħjar il-prattika tal-ibbukkjar żejjed mad-dritt għall-informazzjoni qabel ix-xiri u fi stadji varji tal-vjaġġ, u d-dritt għal servizzi provduti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti meta nxtara l-biljett, billi speċifikament tipproponi kumpens determinat skont id-dannu mġarrab u l-mezz ta' trasport;*** |

Or. fr

**Emenda 183**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Iqis illi jekk il-bagalja tintilef, iddum ma tasal jew issirilha l-ħsara, il-kumpaniji tal-ajru għandhom l-ewwel jagħtu kumpens lill-passiġġieri li magħhom ikkonkludew kuntratt, iżda mbagħad, il-kumpaniji tal-ajru għandu jkollhom id-dritt li jfittxu rimedju mill-ajruporti jew mill-fornituri tas-servizzi għad-danni li għalihom ma kinux neċessarjament responsabbli huma;*** |

Or. fr

**Emenda 184**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jitlob lill-impriżi tat-trasport jagħtu l-akbar attenzjoni lill-aspett tas-sigurtà ***ta' min jivvjaġġa*** u jagħtu taħriġ u taħriġ avvanzat lill-persunal tagħhom f'każijiet ta' emerġenzi; | 20. Jitlob lill-impriżi tat-trasport jagħtu l-akbar attenzjoni lill-aspett tas-sigurtà ***u tas-sikurezza***, ***inklużi kemm is-sikurezza teknika u tat-tagħmir tat-trasport u s-sikurezza fiżika tal-passiġġieri*** u jagħtu taħriġ u taħriġ avvanzat lill-persunal tagħhom f'każijiet ta' emerġenzi; |

Or. en

**Emenda 185**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jitlob lill-impriżi tat-trasport jagħtu l-akbar attenzjoni lill-aspett tas-sigurtà ta' min jivvjaġġa u jagħtu taħriġ u taħriġ avvanzat lill-persunal tagħhom f'każijiet ta' emerġenzi; | 20. Jitlob lill-impriżi tat-trasport jagħtu l-akbar attenzjoni lill-aspett tas-sigurtà ta' min jivvjaġġa u jagħtu taħriġ u taħriġ avvanzat lill-persunal tagħhom f'każijiet ta' emerġenzi, ***li jinkludu ż-żamma ta' kuntatt ma' persuni b'mobbiltà mnaqqsa u persuni b'diżabbiltà***; ***jenfasizza li dan it-taħriġ għandu jingħata b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u persuni b'diżabbiltà;*** |

Or. hu

**Emenda 186**
**Carlo Fidanza, Christine de Veyrac, Dominique Vlasto, Jim Higgins**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef it-tressiq tal-proposta leġiżlattiva li tirrevedi d-Direttiva 90/314/KEE dwar il-Vjaġġi Organizzati, sabiex ikun żgurat li l-konsumaturi u d-ditti fis-settur ikollhom qafas legali ċar kemm għal sitwazzjonijiet standard u għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali; barra minn hekk jenfasizza li matul ir-reviżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tagħmel l-istess leġiżlazzjoni applikabbli għall-partijiet kollha li joffru servizzi turistiċi, billi l-kwalità tas-servizz provdut lil konsumatur u l-kompetizzjoni ġusta għandhom ikunu fatturi prinċipali f'dan il-kuntest;*** |

Or. en

**Emenda 187**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta’ notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b’mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b’diżabbiltà u persuni b’mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija ***u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabbiltà***, jelaboraw proċeduri ta’ notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b’mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b’diżabbiltà u persuni b’mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; |

Or. hu

**Emenda 188**
**Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija ***u l-fornituri tas-servizzi***, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar ***intermodali u jagħmluh mingħajr ostaklu*** għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; |

Or. en

**Emenda 189**
**Vilja Savisaar-Toomast**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li ***faċilment*** jitolbu l-għajnuna meħtieġa; |

Or. en

**Emenda 190**
**Debora Serracchiani**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li ***faċilment*** jitolbu l-għajnuna meħtieġa; |

Or. en

**Emenda 191**
**Christine de Veyrac, Dominique Vlasto, Michel Dantin, Carlo Fidanza, Jim Higgins**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex ***joffrulhom il-possibilità li*** jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex ***jinkoraġġuhom*** jitolbu l-għajnuna meħtieġa ***sabiex l-impriżi tat-trasport ikunu jistgħu jadattaw għall-ħtiġijiet speċifiċi u b'hekk jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jassistu***; |

Or. fr

**Emenda 192**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa, ***inkluż fejn ikun involut iktar minn mezz ta'trasport wieħed***; |

Or. de

**Emenda 193**
**Georgios Koumoutsakos, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta' notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b'mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa ***bl-ebda spiża addizzjonali***; |

Or. el

**Emenda 194**
**David-Maria Sassoli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta’ notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b’mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b’diżabbiltà u persuni b’mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; | 21. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, flimkien mal-industrija, jelaboraw proċeduri ta’ notifika komprensibbli u uniformi u, jekk hu possibbli, b’mod koordinat, sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għal persuni b’diżabbiltà u persuni b’mobbiltà mnaqqsa u biex joffrulhom il-possibilità li jitolbu l-għajnuna meħtieġa; ***jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi tnaqqis speċjali tal-prezzijiet għal dawk li jakkompanjaw persuni b'mobbiltà mnaqqsa;*** |

Or. it

**Emenda 195**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 6a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21. (ġdid) Jinnota li l-kategorija ta' persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa mhijiex omoġenja u li l-bżonnijiet tal-aċċessibbiltà u l-assistenza tagħhom huma varji;*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Iqis li huwa essenzjali li jiġu stabbiliti standards minimi għall-assistenza tal-persuni b'diżabbiltà u*** |

| | |
|---|---|
| | ***mobbiltà mnaqqsa fil-mezzi kollha tat-trasport sabiex ikun żgurat approċċ armonizzat fl-Unjoni Ewropea kollha;*** |

Or. fr

**Emenda 197**
**Georgios Koumoutsakos, Konstantinos Poupakis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jitlob lill-Kummisjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006, tippreżenta malajr kemm jista' jkun linji gwidi dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza għall-passiġġieri b'diżabbiltà u l-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa;*** |

Or. el

**Emenda 198**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà ***li tkun*** mingħajr diskriminazzjoni ***u li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' "disinn għal kulħadd"*** għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; |

Or. hu

**Emenda 199**
**Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà ***mingħajr ostakli u*** mingħajr diskriminazzjoni ***u t-trasferiment minn mezz għal ieħor*** għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; |

Or. en

**Emenda 200**
**Vilja Savisaar-Toomast**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa ***fl-istadji kollha tal-ivvjaġġar, mill-possibbiltà li tirriserva biljett, taċċessa l-pjattaforma u tidħol fil-vetturi sal-possibbiltà li tippreżenta lment jekk ikun meħtieġ***; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; |

Or. en

**Emenda 201**
**Debora Serracchiani**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa ***fl-istadji kollha tal-ivvjaġġar, mill-possibbiltà li tirriserva biljett, taċċessa l-pjattaforma u tidħol fil-vetturi sal-possibbiltà li tippreżenta lment jekk ikun meħtieġ***; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; |

Or. en

**Emenda 202**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto, Christine de Veyrac, Jim Higgins**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li ***tiżgura*** mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport ***u sistema tal-prenotazzjoni tal-biljetti*** li ***jiżguraw*** mobbiltà *għall-mezzi kollha tat-trasport* ***u servizzi relatati*** mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża |

ta' Jannar 2012;

Or. fr

**Emenda 203**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa ***u f'formati aċċessibbli (eż. Braille, faċli biex jinqara) għall-mezzi kollha tat-trasport u fl-istadji kollha tal-ivvjaġġar, mill-possibbiltà li tirriserva biljett, taċċessa l-pjattaforma u tidħol fil-vetturi sal-possibbiltà li tippreżenta lment jekk ikun meħtieġ***; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012; |

Or. en

**Emenda 204**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; ***jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex*** | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; |

***akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012;***

Or. es

**Emenda 205**
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ***ta' Qorti Franċiża ta' Jannar 2012***; | 22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' infrastruttura tat-trasport li tiżgura mobbiltà mingħajr diskriminazzjoni għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa; jindika, f'dak li jikkonċerna r-rifjut tal-boarding għal persuni b'diżabbiltà li mhumiex akkumpanjati, minħabba r-regoli tas-sigurtà, is-sentenza ***tal-Qorti Għolja ta' Bobigny, tat-13 ta' Jannar 2012***; |

Or. en

**Emenda 206**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' teżamina, f'kooperazzjoni mal-impriżi tat-trasport, l-istandards tas-sikurezza relatati ma' persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa sabiex tipproduċi standard wieħed applikabbli għad-diversi setturi tat-trasport, primarjament it-trasport tal-ajru.***[1] |

[1] ***L-esperjenza riċenti, per eżempju, turi diskrepanza fin-numru massimu ta' persuni neqsin mis-smigħ permessi minn impriżi tat-trasport tal-ajru differenti, li l-ġustifikazzjonijiet għalihom mhumiex ċari. Ara l-mistoqsija relevanti bil-miktub lill-Kummissjoni. E-005530/12.***

Or. hu

**Emenda 207**
**Debora Serracchiani**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Iħeġġeġ lill-impriżi tat-trasport iqisu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa fl-iżvilupp ta' xi servizz ġdid, b'mod notevoli ta' mezzi ġodda ta' ħlas bħal smartphones u smart cards;*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Iħeġġeġ lill-impriżi tat-trasport iqisu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa fit-tnedija ta' servizzi ġodda;*** |

Or. ro

**Emenda 209**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jitlob lill-impriżi tat-trasport, fl-iżvilupp ta' servizzi ġodda, iqisu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà jew mobbiltà mnaqqsa, partikolarment fir-rigward ta' mezzi ġodda ta' ħlas bl-użu, per eżempju, ta' smartphones u smart cards;*** |

Or. de

**Emenda 210**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jixtieq jelimina l-prattiki abbużivi u/jew diskriminatorji ta' xi impriżi tat-trasport li jeħtieġu li persuni b'mobbiltà mnaqqsa jkunu akkumpanjati; jenfassiza li impriża tat-trasport ma tistax teżiġi b'mod ġenerali li tali passiġġieri jkunu akkumpanjati minn persuna oħra;*** |

Or. fr

**Emenda 211**
**Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni;

*Emenda*

23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex***, fejn possibbli, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa,*** jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni;

Or. en

**Emenda 212**
**Vilja Savisaar-Toomast**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom ***aktar lejn il-ħtiġijiet*** ta' dawn il-persuni;

*Emenda*

23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom ***biex dawn ikunu konxji dwar il-ħtiġijiet*** ta' dawn il-persuni ***u jkunu kapaċi jirrispondu għalihom***;

Or. en

**Emenda 213**
**Debora Serracchiani**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità

*Emenda*

23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità

mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar ***lejn*** il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni;

mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom ***biex dawn ikunu*** aktar ***konxji dwar il-ħtiġijiet*** ta' dawn il-persuni ***u jkunu kapaċi jirrispondu għalihom***;

Or. en

**Emenda 214**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni; | 23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni, ***inkluż iż-żamma ta' kuntatt mal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u persuni b'diżabbiltà***; ***jenfasizza li dan it-taħriġ għandu jingħata b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u persuni b'diżabbiltà;*** |

Or. hu

**Emenda 215**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni *b'mobbilità* mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni; | 23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni *b'mobbiltà* mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni, ***sabiex tkun iktar faċli*** |

***għalihom li jidħlu u joħorġu minn vetturi differenti tat-trasport (ajruplan, ferrovija, kowċ, eċċ.)***;

Or. fr

**Emenda 216**
**David-Maria Sassoli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni; | 23. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-impriżi tat-trasport itejbu l-kwalità tal-għajnuna għal persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbilità mnaqqsa u biex jorjentaw it-taħriġ tal-persunal tagħhom aktar lejn il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni; ***huwa tal-fehma li għalkemm sar ħafna progress fil-kwalità tal-għajnuna għad hemm wisq ostakli arkitettoniċi li jipprevjenu persuni b'mobbiltà mnaqqsa milli jibbenefikaw b'mod sħiħ mis-servizzi;*** |

Or. it

**Emenda 217**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Huwa tal-opinjoni li f'każ li passiġġier b'diżabbiltà għandu jivvjaġġa akumpanjat minn persuna, il-persuna li takkumpanjah għandha tivvjaġġa mingħajr ħlas billi dan hu bżonn il-passiġġier biex jivvjaġġa;*** |

Or. en

**Emenda 218**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jinsisti li f'każ ta' diżordni fl-ivvjaġġar, l-informazzjoni dwar id-dewmien jew il-kanċellamenti, l-akkomodazzjonijiet f'lukanda, l-arranġamenti ta' trasport alternattivi, l-iskemi ta' rimborż, l-għażliet ta' kontinwazzjoni jew il-bdil tar-rotta għandhom jiġu kkomunikati f'formati aċċessibbli lill-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa;*** |

Or. en

**Emenda 219**
**Vilja Savisaar-Toomast**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Iħeġġeġ lill-impriżi tat-trasport iqisu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa fl-iżvilupp ta' xi servizz ġdid, b'mod notevoli ta' mezzi ġodda ta' pagamenti bħal smartphones u smart cards;*** |

Or. en

**Emenda 220**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jitlob għal faċilitajiet speċifiċi għall-passiġġieri b'diżabbiltà severa li jeħtieġu faċilitajiet sanitarji u ta' tibdil (magħrufa bħala "postijiet ta' tibdil") li jiġu provduti mingħajr ħlas lill-passiġġieri fl-ajruporti kollha tal-UE b'ammont ta' passiġġieri annwali ta' aktar minn 1 000 000.*** |

Or. en

**Emenda 221**
**Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aċċess mingħajr ostakli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u persuni b'diżabbiltà għall-mezzi kollha tat-trasport li jirrikjedu, f'kull stadju tal-ivvjaġġar, aċċess għall-informazzjoni u l-prenotazzjoni, l-infrastruttura u l-vetturi nfushom; jissottolinja li, f'dan ir-rigward, id-dritt għall-użu ta' apparat ta' mobbiltà kif ukoll l-akkumpanjament minn kelb ta' gwida rikonoxxut jew kelb ta' assistenza għandhom ikunu garantiti fiċ-ċirkostanzi kollha;*** |

Or. en

**Emenda 222**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-politika restrittiva tal-imbark adottata minn ċerti impriżi tat-trasport għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, li tista' tostakola d-dinjità u d-drittijiet individwali; jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-problema u tirrakkomanda azzjoni xierqa f'każ li tosserva xi prattiċi inammissibbli;*** |

Or. es

**Emenda 223**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden l-Istati Membri jieqfu milli jirrikorru għal derogi rigward l-applikazzjoni tar-regolament dwar it-trasport bil-ferroviji u bil-kowċis, għall-fini li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar intermodali mill-aspett tad-drittijiet tal-passiġġieri. | 24. Jistieden l-Istati Membri jieqfu milli jirrikorru għal derogi rigward l-applikazzjoni tar-regolament dwar it-trasport bil-ferroviji u bil-kowċis ***u simultanjament jieħdu kont tas-sitwazzjoni ekonomika tal-SMEs***, għall-fini li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar intermodali mill-aspett tad-drittijiet tal-passiġġieri. |

Or. en

**Emenda 224**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq mudelli ġodda ta' komunikazzjoni li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinkludu korpi rappreżentattivi tal-passiġġieri, l-impriżi tat-trasport u partijiet interessati tat-trasport sabiex jiġi promoss il-prinċipju tal-intermodalità fil-prattika;*** |

Or. en

**Emenda 225**
**Keith Taylor, Michael Cramer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jenfasizza li l-intermodalità għandha tiġi ffaċilitata mill-ġarr ta' roti, siġġijiet tar-roti u prams fil-mezzi u s-servizzi kollha, inklużi konnessjonijiet transkonfinali u ta' distanza twila kif ukoll ferroviji b'veloċità qawwija;*** |

Or. en

**Emenda 226**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp ta' partijiet interessati intermodali biex jagħti appoġġ konsultattiv dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-regolamenti rispettivi;*** |

Or. de

**Emenda 227**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinkoraġġixxi l-industrija tiżviluppa ***struttura*** ċara għall-provvista ta' "biljetti permanenti" (jiġifieri kuntratt tat-trasport għal diversi partijiet ta' vjaġġi b'mezz ta' trasport) u biljetti integrati (jiġifieri ta' kuntratt għal sekwenza intermodali tat-trasport); f'dan ir-rigward, jindika r-Regolament dwar it-trasport bil-ferroviji, fejn skont dan sistemi ta' informazzjoni u ta' riservazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuters għandhom jiġu adattati għal standards komuni, sabiex fl-UE kollha tiġi żgurata l-provvista ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u s-servizzi tal-biljetti; | 25. Jinkoraġġixxi l-industrija tiżviluppa ***infrastruttura*** ċara ***li tkun aċċessibbli għal kulħadd permezz tal-ICT*** għall-provvista ta' "biljetti permanenti" (jiġifieri kuntratt tat-trasport għal diversi partijiet ta' vjaġġi b'mezz ta' trasport) u biljetti integrati (jiġifieri ta' kuntratt għal sekwenza intermodali tat-trasport); f'dan ir-rigward, jindika r-Regolament dwar it-trasport bil-ferroviji, fejn skont dan sistemi ta' informazzjoni u ta' riservazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuters għandhom jiġu adattati għal standards komuni, sabiex fl-UE kollha tiġi żgurata l-provvista ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u s-servizzi tal-biljetti; |

Or. hu

**Emenda 228**
**Jim Higgins, Christine de Veyrac, Dominique Vlasto, Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinkoraġġixxi l-industrija tiżviluppa struttura ċara għall-provvista ta' "biljetti permanenti" (jiġifieri kuntratt tat-trasport għal diversi partijiet ta' vjaġġi b'mezz ta' trasport) u biljetti integrati (jiġifieri ta' kuntratt għal sekwenza intermodali tat-trasport); f'dan ir-rigward, jindika r-Regolament dwar it-trasport bil-ferroviji, fejn skont dan sistemi ta' informazzjoni u ta' riservazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuters għandhom jiġu adattati għal | 25. Jinkoraġġixxi l-industrija tiżviluppa struttura ċara għall-provvista ta' "biljetti permanenti" (jiġifieri kuntratt tat-trasport għal diversi partijiet ta' vjaġġi b'mezz ta' trasport) u biljetti integrati (jiġifieri ta' kuntratt għal sekwenza intermodali tat-trasport) ***b'enfasi fuq l-ismart cards***; f'dan ir-rigward, jindika r-Regolament dwar it-trasport bil-ferroviji, fejn skont dan sistemi ta' informazzjoni u ta' riservazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuters għandhom jiġu |

| | |
|---|---|
| standards komuni, sabiex fl-UE kollha tiġi żgurata l-provvista ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u s-servizzi tal-biljetti; | adattati għal standards komuni, sabiex fl-UE kollha tiġi żgurata l-provvista ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u s-servizzi tal-biljetti; |

Or. en

**Emenda 229**
**David-Maria Sassoli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jinkoraġġixxi l-industrija tiżviluppa struttura ċara għall-provvista ta' "biljetti permanenti" (jiġifieri kuntratt tat-trasport għal diversi partijiet ta' vjaġġi b'mezz ta' trasport) u biljetti integrati (jiġifieri ta' kuntratt għal sekwenza intermodali tat-trasport); f'dan ir-rigward, jindika r-Regolament dwar it-trasport bil-ferroviji, fejn skont dan sistemi ta' informazzjoni u ta' riservazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuters għandhom jiġu adattati għal standards komuni, sabiex fl-UE kollha tiġi żgurata l-provvista ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u s-servizzi tal-biljetti; | 25. Jinkoraġġixxi l-industrija tiżviluppa struttura ċara għall-provvista ta' "biljetti permanenti" (jiġifieri kuntratt tat-trasport għal diversi partijiet ta' vjaġġi b'mezz ta' trasport) u biljetti integrati (jiġifieri ta' kuntratt għal sekwenza intermodali tat-trasport); f'dan ir-rigward, jindika r-Regolament dwar it-trasport bil-ferroviji, fejn skont dan sistemi ta' informazzjoni u ta' riservazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuters għandhom jiġu adattati għal standards komuni, sabiex fl-UE kollha tiġi żgurata l-provvista ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u s-servizzi tal-biljetti; ***jistieden lill-Istati Membri jgħammru ruħhom b'faċilitajiet li jiżguraw l-imbark multimodali effiċjenti tal-bagalji, ukoll permezz tal-istandardizzazzjoni tar-regoli dwar il-kontrolli tas-sigurtà f'mezzi varjati tat-trasport;*** |

Or. it

**Emenda 230**
**Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jirreferi għall-Paragrafu 27 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew A7-0053/2012 kif ukoll għall-Inizjattiva 29 tal-White Paper dwar il-Politika tat-Trasport sal-2020, COM(2011)144, u għall-Premessa 16 tar-Regolament 80/2009/KE dwar Sistema ta' Riservazzjoni Kompjuterizzata; jenfasizza d-drittijiet tal-passiġġieri li jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni preċiża u oġġettiva li tagħti dettalji dwar l-impatt ambjentali u l-effiċjenza enerġetika tal-vjaġġ tagħhom, li għandhom ikunu viżibbli b'mod ċar kemm fuq il-websajts tal-fornituri tas-servizzi kif ukoll fuq il-biljetti nfushom; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-fornituri tas-servizzi jappoġġjaw il-ħidma li għaddejja f'din id-direzzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 231**
**Phil Bennion**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, u jitlob lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jeliminaw l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal data pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data; | 26. Jinkoraġġixxi ***bil-qawwa lill-Kummissjoni*** tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, ***meqjusa bħala element ewlieni tat-twettiq tas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (STI), li jipprovdu informazzjoni bieb-bieb, inklużi kemm l-ispiża u t-tul tal-vjaġġ, lill-passiġġieri,*** u jitlob lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jeliminaw l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal data pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data; |

Or. en

**Emenda 232**
**Spyros Danellis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, u ***jitlob lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jeliminaw*** l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal data pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data; | 26. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, u ***jitlobha tiddetermina l-mod xieraq sabiex jiġu eliminati*** l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal data pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data; |

Or. en

**Emenda 233**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, u jitlob lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jeliminaw l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal data pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data; | 26. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, u jitlob lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jeliminaw l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal data pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data, ***mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti xierqa għall-protezzjoni tad-data***; |

Or. de

**Emenda 234**
**Vilja Savisaar-Toomast**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, u jitlob lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jeliminaw l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal ***data*** pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data; | 26. Jinkoraġġixxi l-Kummissjoni tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa skeda tal-ivvjaġġar multimodali Ewropea, u jitlob lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jeliminaw l-ostakoli eżistenti fl-aċċess għal ***dik id-data*** pubblika tat-trasport u għat-trasferiment ta' data, ***li jippermettu t-twaqqif ta' ppjanar għall-ivvjaġġar multimodali Ewropew, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni konsistenti tad-data***; |

Or. en